

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

7.5.2008

0043/2008

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Tomáš Zatloukal, Eva Lichtenberger, Grażyna Staniszewska, Zita Pleštinská, Holger Krahmer

dwar il-kanal tad-Danubju, l-Oder u l-Elbe

Data ta' skadenza 9.9.2008

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-kanal tad-Danubju, l-Oder u l-Elbe

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/60/KE tat-23 ta' Ottubru li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma, favur użu sostenibbli, raġonevoli u ugwali ta' l-ilmijiet,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Ramsar tat-2 ta' Frar 1971 dwar iż-żoni umdi ta' importanza internazzjonali, b'mod partikolari l-habitat ta' l-għasafar akwatiċi,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Unjoni Ewropea ma tikkunsidrax il-kanal tad-Danubju, l-Oder u l-Elbe fil-proġetti tagħha ta' netwerk trans-Ewropew ta' trasport (TEN) qabel l-2020,
- B. billi l-projbizzjonijiet eżistenti ta' bini, li m'għandhomx ġustifikati, qed jikkomplicaw il-ħajja ta' għexieren ta' lokalitajiet, u billi daww jikkawżaw limitazzjonijiet fiż-żoni kkonċernati fl-ippjanar u fit-twertiq ta' bini u ta' rijabilitazzjoni tal-kampanja,
- C. billi kull varjant tal-bini ta' kanal tad-Danubju, l-Oder u l-Elbe se jeffettwa ż-żoni tan-NATURA 2000, żoni mħarsa bil-Konvenzjoni ta' Ramsar, żoni tal-bijosfera u reġjuni oħra mħarsa, ħaġa li twassal għal ksur ta' l-impenji internazzjonali meħuda mill-pajjiżi kkonċernati,
1. Iqis li hu importanti li l-proġett jiġi rtirat mill-pjanijiet attwali ta' żvilupp u li tiġi ttestjata l-mistoqsija tal-bżonn li r-reġjun tal-ġonot ta' raba' tal-kanal jinżamm l-istatus ta' żona mħarsa;
 2. Hu tal-fehma li t-tneħħija tal-projbizzjonijiet ta' bini tippermetti fost l-oħrajn l-implimentazzjoni tal-miżuri ekoloġiċi meħtieġa, il-ħarsien tad-diversità bijoloġika u l-garanzija ta' l-iżvilupp sostenibbli;
 3. Jistieden lill-gvernijiet tar-Repubblika Ċeka, tal-Polonja, ta' l-Islovakkja, ta' l-Awstrija u tal-Ġermanja biex jieħdu l-passi meħtieġa favur it-tneħħija tal-projbizzjonijiet ta' bini;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri.